# Il-Fond tal-President għall-Kreattività
# Il-Linji Gwida u Regolamenti

ARTS COUNCIL MALTA

The President's Fund for Creativity

Maħruġa: 18 ta' Mejju 2026

Aġġornati: 25 ta' Mejju 2026

**ALLOKAZZJONIJIET**

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-GĦOTJA MASSIMA GĦAL KULL PROĠETT /PROGRAMM/PRATTIKA |
|---|---|
| €150,000 | €30,000 għal kull proġett/programm/prattika soġġetti għal disponibbiltà ta' fondi mill-gvern |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| Dan il-fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż kollha tal-proġett/programm/prattika | 70% mal-iffirmar tal-qbil tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**L-ISKEDA TA' ŻMIEN**

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| Is-7 ta' Lulju 2026 | Is-27 ta' Awwissu 2026 | Mit-28 ta' Awwissu 2026 – It-28 ta' Awwissu 2027/2028 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Fond tal-President għall-Kreattività huwa inizjattiva minn serje sħiħa ta' inizjattivi, u għandu l-għan li jsaħħaħ l-inklużività, l-iżvilupp komunitarju, u l-benesseri permezz tal-ingaġġar kulturali u l-espressjoni kreattiva. Dan il-fond huwa marbut mat-twettiq tal-Istrateġija 2030 tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-Fond tal-President għall-Kreattività jippromwovi l-qsim ta' stejjer xi ftit moħbija li iżda jgħaqqduna, waqt li jiżgura li ħadd ma jitħalla barra. Isostni prattiċi kreattivi parteċipatorji ma' gruppi li ftit li xejn jintlaħqu u li huma mwarrba, irawwem spazji sikuri u affidabbli li fihom il-persuni jħossuhom emanċipati biex jingħaqdu u jesploraw il-kreattività tagħhom biex jesprimu l-ideat u l-ħsus tagħhom.

Il-Fond tal-President għall-Kreattività jinvesti speċifikament fi proċessi kreattivi kollaborattivi li jsaħħu r-rabtiet komunitarji, jinkoraġġixxu l-ħsieb kritiku, u jippermettu l-ħolqien kreattiv – b'mod li joffru sinifikat f'mumenti żgħar u b'tifsira li jispiraw it-tama u l-bidla soċjali pożittiva. L-applikazzjonijiet jistgħu jfittxu sostenn għal inizjattivi piloti, jew biex jiżviluppaw inizjattivi li diġà rnexxew.

Matul il-vjaġġ tiegħu, il-fond jippermetti lill-professjonisti kreattivi jibnu relazzjonijiet aktar profondi mal-komunitajiet u jiffaċilita l-ingaġġar kulturali bħala mogħdija għall-benesseri b'mod sħiħ. Isostni inizjattivi li jisfidaw l-istaġnar kreattiv u jippromwovi b'mod attiv l-inklużjoni u ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità billi jwessa' l-mod kif il-persuni jistħajlu lilhom infushom, lil oħrajn, u d-dinja madwarhom.

Fil-qofol tiegħu, il-Fond tal-President għall-Kreattività, jirrikonoxxi b'mod kruċjali fl-ogħla livell tal-Istat, il-qawwa tal-arti u l-kultura billi jindirizza ħtieġa urġenti għal sensittività soċjali u vuċijiet awtentiċi. Jippromwovi soċjetà inklużiva li trawwem il-kreattività, iħabbat wiċċu ma' kwistjonijiet diffiċli, u b'mod kollaborattiv ifittex soluzzjonijiet flimkien, b'esperjenzi maqsuma waħda wara oħra.

Il-fond huwa parti mill-programm ta' finanzjament tagħna għal skambju komunitarju, u jimmira li jinvesti f'dawn l-elementi:

- Aktar parteċipazzjoni kulturali f'Malta u Għawdex;
- Fehim u ingaġġar aħjar bejn l-artisti u l-komunitajiet;
- Aktar diversità fil-programmar kulturali;
- Aktar importanza għal kultura li hija aktar rappreżentattiva tas-soċjetà Maltija kollha;
- Żvilupp sostenibbli.

Il-Fond tal-President għall-Kreattività jrid:

- Jgħaqqad lill-professjonisti kreattivi ma' gruppi li huma diffiċli jintlaħqu u mwarrba, biex flimkien irawmu spazji sikuri u affidabbli li fihom il-persuni jħossuhom emanċipati u b'hekk jinvolvu ruħhom u jesprimu l-ideat u l-ħsus tagħhom;
- Isostni prattiċi mfassla biex irawmu diversità, ekwità, inklużjoni, appartanenza, benesseri u riġenerazzjoni permezz tal-ingaġġar kulturali u l-espressjoni kreattiva;
- Jagħti aċċessibbiltà għal firxa wiesgħa ta' esperjenzi artistiċi u opportunitajiet għal ingaġġar kulturali lil gruppi li huma diffiċli jintlaħqu u mwarrba;

- Jixpruna l-kontribuzzjoni ta' organizzazzjonijiet, entitajiet u istituzzjonijiet lejn żvilupp komunitarju u l-benesseri permezz ta' ingaġġar kulturali u espressjoni kreattiva.

L-applikazzjoni għandha turi b'mod ċar il-benefiċċji tal-proġett/programm/prattika għall-gruppi li huma diffiċli jintlaħqu u mwarrba.

Is-sieħeb ewlieni jista' jikkollabora ma' organizzazzjoni oħra jew aktar u/jew ma' professjonist individwali ieħor jew aktar biex flimkien jiżviluppaw proġett/programm/prattika ta' arti komunitarja li tgħaqqad l-ogħla standards ta' kwalità u prattika tajba, kemm minn perspettiva artistika kif ukoll minn dik soċjali.

F'konsistenza mal-Istrateġija 2030, u l-impenn tal-Kunsill Malti għall-Arti biex isostni l-arti b'approċċ sostenibbli u responsabbli għall-investiment pubbliku, b'attenzjoni partikolari fuq l-oqsma strateġiċi tal-prattiċi ġusti, il-komunità, u l-inklużjoni, l-applikanti huma nkoraġġuti jikkunsidraw fejn xieraq, il-prinċipji mniżżla fir-rekwiżiti. Barra minn hekk, il-Kunsill Malti għall-Arti jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti dwar il-prijoritajiet strateġiċi tiegħu:

*Id-Dritt għall-Kultura – Riżorsi*, b'attenzjoni speċjali għall-ingaġġar komunitarju u l-adozzjoni ta' approċċ imsejjes fuq id-drittijiet f'xogħolhom. Dan il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklużività u jsostni l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika kwotidjana tagħna.

L-applikanti huma mistennija wkoll jikkunsidraw, kif xieraq, il-prinċipji mniżżla fil-Karta għall-Istatus tal-Artisti, biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti, li jħaddnu libertà artistika, aċċessibbiltà, rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjoekonomiċi xierqa, nuqqas ta' diskriminazzjoni u ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi u żamma mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artisti tipprovdi qafas ta' referenza dinamiku għal-leġiżlazzjoni, il-politiki, u l-inizjattivi li jħallu impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li l-azzjonijiet huma allinjati mal-viżjoni fit-tul taż-żmien li tgħolli l-istatus tal-artisti u l-ħaddiema kulturali f'Malta f'konformità mal-valur tagħhom fis-soċjetà.

*Il-Fond tal-President għall-Kreattività huwa ġestit b'mod konġunt mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti.*

# 2. Id-definizzjonijiet

## Applikant

Applikant huwa individwu, organizzazzjoni, entità jew istituzzjoni, li tista' tkun pubblika, nongovernattiva jew privata. L-applikazzjonijiet ma jistgħux jitressqu minn individwi f'isimhom. L-applikanti lanqas ma jistgħu jkunu parti mill-persunal tal-Kunsill Malti għall-Arti, tal-Uffiċċju tal-President, jew involuti fil-ġestjoni tal-Fond.

## Applikazzjoni

Applikazzjoni hija sottomissjoni, li tinkludi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

## Arti komunitarja

Approċċ radikali msejjes fuq id-dritt għall-parteċipazzjoni fl-arti kkaratterizzat minn impenn soċjali kritiku.

(François Matarasso: Connections and differences between participatory art and community art. https://arestlessart.com/2016/08/10/connections-and-differences-between-participatory-art-and-community-art)

## Arti ta' kwalità

Arti xprunata mill-eċċellenza. Fl-arti komunitarja, l-enfażi ewlenija hija l-kwalità tal-proċess kreattiv parteċipatorju, b'konsiderazzjoni għall-eżitu ta' kwalità li min-naħa tiegħu jrawwem passjoni għall-espressjoni kreattiva u l-parteċipazzjoni kulturali u jikkontribwixxi għal benesseri aħjar.

## Attivitajiet li jaqgħu taħt is-settur kulturali u kreattiv

1. Arti (letteratura, arti viżiva, mużika, arti performattiva, arti interdixxiplinarja);
2. Servizzi ta' Negozju Kreattiv (disinn, arkitettura, turiżmu kulturali, u servizzi kulturali);
3. Prattiċi ta' Patrimonju Kontemporanju (fosthom artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet, u riinterpretazzjoni, adattament, u għoti ta' ħajja ġdida għal tradizzjonijiet ta' patrimonju f'rispons għal kuntesti soċjali, kulturali u teknoloġiċi kontemporanji);
4. Midja (pubblikazzjoni u materjal stampat, awdjoviżiva, fosthom produzzjoni ta' film u vidjo, servizz ta' film, televixin, video games, radju, midja online).

## Awtosostenibbiltà

Din tirreferi direttament għal dawk il-proġetti/programmi/prattiċi, li jistgħu, fi żmien twil jew qasir, jippruvaw li huma finanzjarjament sostenibbli, jiġifieri jitwettqu mingħajr il-ħtieġa ta' investiment pubbliku. Is-sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett/programm/prattika tista' tkun ir-riżultat ta' kontribuzzjoni, parteċipazzjoni jew investiment ta' partijiet terzi fil-prodotti u s-servizzi offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett/programm/prattika proposta.

## Benefiċjarju

Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta sostnuta mill-fond. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett/programm/prattika jew qabel jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li l-fatturi tal-VAT jinħarġu f'ismu u jinkludu l-informazzjoni tal-VAT. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u

għalhekk mhux irreġistrat għall-VAT, għandu d-dmir jaċċerta li jiġbor irċevuta fiskali għal kull oġġett jew servizz li jirċievi.

Bilkemm jintlaħaq u emarġinat

Għall-iskop ta' dan il-fond dan jinkludi komunitajiet f'Malta u Għawdex li jikkonsistu f'individwi jew gruppi li jesperjenzaw ostakli sistemiċi, ġeografiċi, soċjoekonomiċi, ligwistiċi, fiżiċi, kulturali, diġitali, legali, istituzzjonali jew oħrajn li jillimitaw l-aċċess tagħhom għal parteċipazzjoni kulturali, espressjoni kreattiva, rappreżentazzjoni, u ħajja pubblika.

## Bord tal-Evalwazzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti, f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-President, jaħtar tim evalwattiv għal kull sejħa taħt il-fond – dan ikun magħżul minn firxa ta' evalwaturi tal-Kunsill. Il-Kunsill jista' jaħtar professjonisti kemm lokali kif ukoll barranin mis-settur tal-kultura u l-arti.

## Diversità

Differenzi individwali f'termini ta' età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, lingwa u l-isfond soċjoekonomiku, fir-rigward ta' komunitajiet, professjonisti kreattivi, u udjenzi.

## Dokumentazzjoni obbligatorja

Id-dokumenti meħtieġa kollha li jsostnu l-proposta u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett/programm/prattika tiegħek (eż., rekords, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn).

## Edukazzjoni informali

L-edukazzjoni informali tinkludi kull programm ta' formazzjoni li jittella' 'l barra mill-kurrikulu strutturat. Dan jista' jseħħ fi ħdan istituzzjonijiet edukattivi formali bħal skejjel u istituzzjonijiet oħrajn bħal mużewijiet.

## Edukazzjoni formali

Edukazzjoni formali tinkludi edukazzjoni primarja, medja u sekondarja, postsekondarja, u terzjarja li twassal għal ċertifikazzjoni, lawrja, diploma, jew kwalifika professjonali.

## Eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet se jiġu qabelxejn skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-maniġers tal-fond. Il-proposti li ma jiġux ikkunsidrati eliġibbli f'termini tal-kriterja mwaqqfa ma jibqgħux jiġu pproċessati aktar u lanqas jiġu evalwati.

## Entitajiet irreġistrati

Entità legalment imwaqqfa u rreġistrata f'Malta. Dawn l-entitajiet iridu jkunu rreġistrati mal-Malta Business Registry, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## Evalwazzjoni

L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Finanzjament massimu

Il-finanzjament massimu allokat għal kull proġett/programm/prattika allokat huwa ta' €30,000. L-ammont mogħti jiġi deċiż każ b'każ, skont il-proġett/programm/prattika.

## Fond

Il-Fond tal-President għall-Kreattività.

## Ġestjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-ġestjoni ta' dan il-fond b'mod konġunt, f'konsultazzjoni mal-Uffiċċju tal-President. Il-korrispondenzi uffiċjali kollha, fosthom it-tressiq tal-applikazzjonijiet, iridu jintbagħtu fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Grupp

Numru ta' persuni b'personalità legali jew mingħajr jistgħu jiffurmaw grupp. Wieħed/Waħda mill-persuni involuti j/trid j/tieħu l-irwol ta' mexxej u j/tieħu r-responsabbiltà legali ewlenija biex i/tmexxi l-proġett/programm/prattika, u l-għotja. Din il-persuna trid tkun ċittadina Maltija jew għandha permess ta' residenza Maltija, jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti. F'każ ta' grupp, għandha titressaq applikazzjoni waħda mill-grupp għall-istess proposta. Mhux eliġibbli t-tressiq ta' applikazzjonijiet multipli minn membri individwali għall-istess proposta u f'każ li jsir hekk, dawn ma jiġux ipproċessati.

## Impriża

Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 tat-TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

## Impriża waħda

Din tinkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet ma' xulxin:

a. Impriża waħda bil-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
b. Impriża waħda bid-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;
c. Impriża waħda bid-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;
d. Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, li tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża, il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

L-intrapriżi li jkollhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti ta' hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

### Individwu

Individwi li japplikaw għal għotja jridu jkunu ċittadini Maltin, jew għandhom permess ta' residenza Maltija; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

### Kollaborazzjoni

Fil-kuntest ta' arti li tingaġġa lill-komunità, il-kollaborazzjoni tirreferi għall-proċess li jingaġġa lil komunità u li huwa marbut mal-espressjoni u l-esperjenza kreattiva li jinvolvi kemm lill-professjonisti kreattivi kif ukoll l-istituzzjonijiet soċjali, il-gruppi lokali, jew l-individwi. Hija mmirata biex tippromwovi, tippermetti, u ssostni parteċipazzjoni sinifikanti u espressjoni kreattiva, waqt li trawwem għarfien akbar u fehim ta' narrattivi diversi, waqt li wkoll tirrikonoxxi l-opportunitajiet u l-isfidi li joħorġu minn opinjonijiet u vuċijiet alternattivi. Għandha l-għan li tagħni l-esperjenza tal-parteċipanti kollha billi tipprovdi pjattaforma għall-ftuħ, l-inklużjoni radikali, l-awtentiċità, u l-ħsieb kritiku, waqt li wkoll tiffaċilita l-qsim ta' ideat, l-għarfien, u l-prattiċi. Il-kollaborazzjoni tgħin fit-twettiq tad-dritt għall-kultura u toħroġ il-qawwiet tal-arti u l-kultura.

### Koperattivi

Il-koperattivi jridu jkunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar informazzjoni tista' żżur https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi/.

### Medjatur kulturali

Fil-kuntest migratorju, professjonist li jiffaċilita l-komunikazzjoni (fosthom l-interpretazzjoni) bejn nies b'lingwi differenti jew minn sfondi kulturali differenti.

### Organizzazzjoni volontarja

Organizzazzjoni mwaqqfa legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u li għandha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mal-ħtiġijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

### Prattika artistika parteċipatorja

Prattika kollaborattiva li fiha l-artisti jinvolvu lill-pubbliku fil-ħolqien tal-arti, li tagħha l-arti komunitarja hija biss parti waħda.

(François Matarasso: Connections and differences between participatory art and community art. https://arestlessart.com/2016/08/10/connections-and-differences-between-participatory-art-and-community-art)

### Professjonisti kreattivi

L-individwi artistiċi u kreattivi kollha li huma attivi b'mod professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi.

### Żborż tal-fondi

Din l-għotja se tiġi żborżjata skont id-dettalji msemmija f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Jinħareġ ċekk f'isem l-applikant. Meta l-applikant iressaq l-applikazzjoni, irid ikollu kont bankarju mħaddem.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli skont il-punti mniżżla hawn isfel ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jgħaddux minn evalwazzjoni.

Il-perjodu ta' żmien massimu biex jitwettaq il-proġett/programm/prattika: 12-il xahar.
Il-perjodu ta' żmien massimu biex jitwettaq il-proġett/programm/prattika: 24 xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-applikanti, biex ikunu eliġibbli, iridu jkunu jaħdmu fil-qasam tal-iżvilupp soċjali u komunitarju, jew ikunu attivi fi kwalunkwe qasam kulturali u kreattiv. Il-proġett/programm/proposta jrid ikollu fil-mira tiegħu l-ħtiġijiet ta' gruppi żvantaġġati u jindirizzahom permezz tal-arti, l-espressjoni kreattiva, u l-parteċipazzjoni kulturali.

Il-fond joffri żewġ għażliet: għażla ta' għajnuna mill-Istat u għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat. L-għażla ta' għajnuna mill-Istat hija disponibbli għall-impriżi li jwettqu attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, li għalihom se tingħata assistenza skont ir-regolament de minimis. L-għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat hija disponibbli għal dawk l-applikanti li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE kif ukoll għal proġetti/programmi/prattiċi proposti li ma jinvolvux tali attivitajiet ekonomiċi. Għal aktar informazzjoni, ara Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti.

Barra minn hekk, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala waħda minn dawn li ġejjin:

- Entità rreġistrata mal-Malta Business Registry (fosthom kumpanija, sħubija, fondazzjoni, u organizzazzjoni/assoċjazzjoni);
- Grupp, kollettiv, jew konsorzju;
- Istituzzjoni edukattiva li toffri edukazzjoni formali jew informali;
- Istituzzjoni pubblika;
- Koperattiva rreġistrata;
- Organizzazzjoni volontarja iskritta mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
- Prattikanti kreattivi / Artisit individwali

Ir-rappreżentanti tal-applikant iridu jkunu ċittadini Maltin; jew għandhom permess ta' residenza Maltija; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

Il-fond isostni żvilupp organizzattiv u kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-arti u l-kultura u organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-iżvilupp soċjali u komunitarju.

L-applikant għandu jikkollabora ma' organizzazzjoni oħra jew ma' individwu biex jiżviluppa proġett/programm/prattika ta' arti komunitarja u jiżgura li t-twettiq professjonali tiegħu jinżamm

kemm minn perspettiva ta’ kwalità artistika kif ukoll f’termini ta’ kura u l-attenzjoni meħtieġa mill-parteċipanti identifikati. L-applikazzjoni għandha turi biċ-ċar il-benefiċċji tal-proġett/programm/prattika għall-komunità.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx sħiħ sforz nuqqas ta’ dawn id-dokumenti obbligatorji:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara) jew il-permess ta’ residenza f’Malta jew iċ-ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti;
    - statut iffirmat fil-każ ta’ organizzazzjoni volontarja;
- Applikanti li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta’ applikant għal dan il-fond speċifiku;
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji preċedenti ta’ finanzjament;
- Benefiċjarji li ma ressqux jew lestew rapport finali marbut ma’ għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fiż-żmien stabbilit;
- Fil-każ ta’ entitajiet irreġistrati, dawk li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali mitluba mill-Malta Business Registry;
- Fil-każ ta’ gruppi, applikazzjonijiet imressqa minn membri individwali ta’ dak il-grupp;
- Fil-każ ta’ organizzazzjonijiet volontarji, dawk li:
    - mhumiex irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ma għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.

## 3.3 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti[1]

Il-fond jista’ jkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli (sa massimu ta’ €30,000 għal kull proġett/programm/prattika, skont liema minnhom ikun l-aktar baxx) marbuta mal-proġett/programm/prattika tiegħek. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk strettament marbuta mal-proġett/programm/prattika u mal-ġestjoni u l-promozzjoni tiegħu, sakemm dawn ikunu inklużi fil-baġit ippreżentat mill-applikant, spjegati b’mod ċar, identifikati, sostnuti u vverifikati minn dokumenti ta’ sostenn u kwotazzjonijiet rispettivi.

Dawn jinkludu spejjeż diretti marbuta mat-twettiq tal-proġett/programm/prattika, kif ukoll spejjeż indiretti li huma parti mill-ispejjeż amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju imma li jistgħu jitpoġġew fuq il-proġett/programm/prattika.

L-ispejjeż eliġibbli jinkludu dawn li ġejjin, kif applikabbli:

- Akkomodazzjoni standard;
- Assigurazzjoni;
- Ġestjoni tal-proġett/programm/prattika (fosthom l-amministrazzjoni, il-kordinazzjoni, l-iżvilupp);
- Kiri ta’ spazji;
- Kiri/xiri ta’ tagħmir u teknoloġija (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk meqjus neċessarju għall-proġett/programm/prattika);

[1] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà kopruti/ma jistgħux jiġu kopruti mill-applikanti jew l-organizzazzjonijiet ta’ sostenn/fi sħab.

- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali;
- Marketing, relazzjonijiet pubbliċi, komunikazzjoni (fosthom il-produzzjoni ta’ clips viżivi, filmati, tixrid, ingaġġar ma’ komunitajiet diversi);
- Miżuri ta’ saħħa u sigurtà;
- Reġistrazzjoni, parteċipazzjoni, jew abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra;
- Servizzi lingwistiċi: interpretar (fosthom: lingwa tas-sinjali, qlib tad-diskors f’kitba), traduzzjoni (fosthom: braille u sottotitolar), qari tal-provi, editjar;
- Spejjeż indiretti, li ma jaqbżux il-5% tal-ispiża totali (eż., servizz ta’ elettriku, ilma, tindif; spejjeż tat-telefown / fax / internet; pustaġġ; karti, linka / cartridge, kartolerija, eċċ.);
- Spejjeż oħra marbuta direttament mat-twettiq tal-proġett/programm/prattika (fosthom il-provvediment ta’ servizz);
- Spejjeż ta’ produzzjoni;
- Tariffi għall-artisti (il-proposta teħtieġ turi biċ-ċar kif ġew ikkalkulati t-tariffi f’termini ta’ rati, numru ta’ sigħat, eċċ.);
- Tariffi legali;
- Viża għall-ivvjaġġar;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), fosthom trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, kiri ta’ karozza/vettura.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

L-ispejjeż imniżżlin hawn isfel mhumiex eliġibbli taħt dan il-fond:

- Dejn dubjuż;
- Dejn u spejjeż tas-servizz tad-dejn;
- Finanzjament għall-ħolqien jew iż-żamma ta’ boroż ta’ studju, konkorsi, kompetizzjonijiet, jew premjijiet;
- Ħlas ta’ salarji, jew parti minnhom;
- Imgħax dovut;
- Kopertura għal telf jew dejn;
- Spejjeż diġà koperti minn baġits tal-operat (eż., spazju li huwa tal-applikant jew is-sieħeb/organizzazzjoni/individwu tal-proġett/programm/prattika);
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta’ finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, dipartiment tal-gvern jew ministeru ieħor;
- Spejjeż għal servizzi mogħtija minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew aġenziji pubbliċi, dipartimenti governattivi jew ministeri oħra;
- Spejjeż ibbaġitjati li jaqbżu l-ammont allokat għall-proġett/programm/prattika;
- Spejjeż meqjusa eċċessivi jew imprudenti;
- Spejjeż mhux imġarrba waqt l-iskeda taż-żmien tal-proġett/programm/prattika stipulata fil-kuntratt;
- Spejjeż retroattivi;
- Sussistenza, catering, u ospitalità;
- Telf fil-kambju;
- VAT rikuperabbli, fejn applikabbli.

Għal aktar informazzjoni dwar il-preżentazzjoni tal-baġit tiegħek, ara l-Linji Gwida dwar il-Baġit li jinsabu fil-ħolqa: https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.6 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli għal dan il-fond:

- Applikazzjonijiet biex jiffinanzjaw il-ħolqien jew iż-żamma ta' kompetizzjonijiet, boroż ta' studju jew premjijiet;
- Applikazzjonijiet imressqa minn applikanti li mhumiex kontribwenti f'Malta;
- Applikazzjonijiet imressqa minn membri individwali ta' grupp (l-applikant irid ikun il-grupp);
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet mhux sħaħ. Ara Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll;
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propaganda politika;
- Attivitajiet li mhumiex marbuta mal-kultura, mal-arti jew mal-industriji kreattivi;
- Attivitajiet ta' natura intrinsikament awtosostenibbli;
- Avvenimenti li jittellgħu fuq bażi regolari, fosthom proġetti, festivals, wirjiet tal-iskola annwali, programmi ta' taħriġ regolari;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat b'riżq l-arti/kultura Maltija;
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew minn riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti;
- Proġetti/programmi/prattiċi li d-durata tagħhom ma taqax fl-iskeda taż-żmien eliġibbli;
- Proġetti/programmi/prattiċi li bdew u/jew se jseħħu qabel in-notifika tar-riżultati lill-applikanti;
- Spejjeż għal attivitajiet u festeġġjamenti tradizzjonali.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-ambitu ta' dan il-fond mhijiex eliġibbli għal dan l-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa. Madankollu, kull sessjoni tista' tiffinanzja applikazzjoni waħda biss. L-applikanti jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament ta' applikazzjoni waħda biss f'dan il-fond matul sena kalendarja.

# 4. Il-kriterji ta' evalwazzjoni

Il-bord tal-evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn il-kriterji:

Kriterju 1 – L-Għanijiet (25 marka)

Din il-mistoqsija trid titwieġeb f'mhux aktar minn 500 kelma.

Il-proposta, sa liema punt, tissodisfa l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-grupp jew gruppi identifikati li diffiċli jintlaħqu u kif tindirizza l-għanijiet tal-Fond tal-President għall-Kreattività? Biex issaħħaħ il-punt tiegħek rigward dan il-kriterju, inti teħtieġ:

a. Tidentifika l-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp jew gruppi li diffiċli jintlaħqu, fi ħdan il-komunità usa', li l-applikazzjoni tiegħek tindirizza;
b. Tispjega l-proċess kreattiv parteċipatorju propost, flimkien mar-raġunijiet u l-għanijiet li jsejsu l-proġett/programm/prattika;
c. Tispjega l-kontribuzzjoni prospettiva tal-proġett/programm/prattika biex tispira u ttejjeb żvilupp komunitarju sostenibbli;
d. Tagħti sommarju ta' xogħol preċedenti li l-applikazzjoni tibni fuqha, kif applikabbli.
e. X'inhuma l-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni ta' din il-proposta?

Kriterju 2 – L-Ingaġġar (25 marka)

Din il-mistoqsija trid titwieġeb f'mhux aktar minn 300 kelma.

Sa liema punt il-proġett/programm/prattika tiegħek jippromwovi d-dritt għall-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali? Biex issaħħaħ il-punt tiegħek għal dan il-kriterju, inti teħtieġ:

a. Tispjega l-kontribuzzjoni tal-proġett/programm/prattika biex isaħħaħ il-parteċipazzjoni ta' gruppi li diffiċli jintlaħqu għal ingaġġar kulturali awtentiku u rigoruż;
b. Tipprovdi sommarju ċar tal-firxa ta' esperjenzi artistiċi u kulturali li l-proġett/programm/prattika jipproponi.

Kriterju 3 – Il-Kwalità (25 marka)

Dawn l-elementi jridu jitwieġbu f'mhux aktar minn 300 kelma.

Biex issaħħaħ il-punt tiegħek għal dan il-kriterju, inti teħtieġ:

a. Telabora fuq il-proċess kreattiv parteċipatorju;
b. Tipprovdi CVs/bijonoti tal-membri proposti tat-tim u tal-kollaboraturi kollha (kif applikabbli);
c. Tipprovdi pjan ta' tixrid biex tilħaq gruppi komunitarji fil-mira.

Kriterju 4 – Il-Ġestjoni (25 marka)

Dawn l-elementi jridu jitwieġbu f'mhux aktar minn 300 kelma.

Biex issaħħaħ il-punt tiegħek għal dan il-kriterju, inti teħtieġ:

a. Tipprovdi pjan ta' azzjoni maħsub sew u artikolat b'mod ċar.
b. Tagħti sinopsi ta' skedi taż-żmien definiti, tkopri l-fażijiet tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-postproduzzjoni tal-proposta; tipprovdi baġit dettaljat, fosthom tqassim tal-ispejjeż kif ukoll spjegazzjoni tal-isforzi biex jiġu assigurati fondi minn sorsi oħra;

c. Telabora fuq il-pjan tiegħek biex issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-proġett fit-tul taż-żmien, lil hinn mill-perjodu tal-għotja.

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika, segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn dan il-fond.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Uża l-profil eżistenti tiegħek biex tapplika. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq "Irreġistra" u timla d-dettalji mitluba.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA għall-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa.

Jekk issib xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tressaq formola ta' applikazzjoni sħiħa kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Biex tippermettilna nipproċessaw u nevalwaw l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ippreżenta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja.

Ir-rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti mhumiex f'pożizzjoni li jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni. Wara d-data ta' skadenza, hija biss fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett/programm/prattika, id-deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett/programm/prattika, u l-ammont mogħti jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, fosthom id-dokumenti li jsostnu l-proposta.
L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-Lista ta' Kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, jeħtieġ ikollha:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT ta' Malta;

- Ċertifikat ta' reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti – Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta' konformità;
- Ittra ta' intenzjoni ffirmata minn sieħeb jew sħab li tistipula disponibbiltà u impenn għall-proġett/programm/prattika propost;
- Statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja;
- Pjan ta' sostenibbiltà li jmur lil hinn mill-perjodu tal-għotja;
- Bijografija/CV artistika tal-applikant u l-kollaboratur(i) ewlieni fis-sezzjoni tal-profil;
- Pjanijiet dettaljati dwar tixrid u komunikazzjoni;
- Evidenza relevanti li ssostni l-qafas legali tal-entità jew l-entitajiet applikanti;
- Rigward inizjattivi li diġà seħħew u kienu suċċess, sommarju tal-inizjattiva speċifika (fosthom dokumentazzjoni, ħolqiet, u materjali relevanti);
- Kopja tad-dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta;
- Fajl ta' awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti li fih l-applikant jipprovdi sommarju, ir-raġunament, u/jew il-motivazzjoni għaliex qed iressaq din il-proposta.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Dan il-fond huwa kompetittiv u jiġi evalwat minn bord ta' esperti settorjali skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proġetti/programmi/prattiċi jridu jiksbu minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk il-kisba ta' 60 marka jew aktar ma tiggarantixxix l-għoti tal-fondi. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikolari kemm-il darba l-proġetti/programmi/prattiċi proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwaturi indipendenti. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni dwar il-proġetti/programmi/prattiċi proposti u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija. Se tiġi organizzata wkoll sessjoni ta' pitching għall-kandidati kollha.

## 6.1 Tħabbir tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

Il-klassifika tal-proġetti/programmi/prattiċi, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti/programmi/prattiċi li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti/programmi/prattiċi li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk issib xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek, tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati.

Kwalunkwe forma ta' sollevitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers, u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta għall-applikazzjonijiet li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu dokumentazzjoni sħiħa biex isostnu l-applikazzjoni u l-pjan baġitarju fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifikazzjoni. Il-Kunsill jaċċetta sa varjazzjoni ta' 5% mill-ispiża tal-baġit propost. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju trid issostni kwalunkwe varjazzjoni mill-ispiża totali proposta. Taħt ebda ċirkustanza, il-Kunsill mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Mad-dispożizzjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni obbligatorja msemmija hawn fuq, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista' tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

Il-pagament allokat għall-ewwel sena mill-bord tal-evalwazzjoni jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jiżborżja l-pagamenti li jifdal wara li l-benefiċjarju jressaq ir-rapporti mitluba kif speċifikat fil-kuntratt u wara l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo binarju li se jiġi pprovdut mill-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond fuq il-materjal kollu marbut mal-proġett/programm/prattika. Il-benefiċjarji mitluba jispeċifikaw li l-proġett/programm/prattika huwa megħjun mill-Uffiċċju tal-President u l-Kunsill Malti għall-Arti kif ġej: Dan il-proġett/programm/prattika huwa megħjun mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti. Dan għandu jidher f'kull materjal ta' marketing, relazzjonijiet pubbliċi, u materjal stampat. L-għotja mogħtija għandha tintuża biss għall-fini li ġiet mogħtija, f'konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq, isiru bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett/programm/prattika. Ma jistgħux jitwettqu bidliet qabel tingħata approvazzjoni. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett/programm/prattika titqies li mhix konformi mal-proposta inizjali jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjoni ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett/programm/prattika kif ukoll wara t-tlestija.
Il-Kunsill iżomm ukoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-rapport

Il-kuntratt jindika meta se jkun meħtieġ li tissottometti rapport dettaljat li jitfa' dawl fuq ix-xogħol imwettaq u l-kisbiet tal-proġett/programm/prattika. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapporti tiegħek. Flimkien mar-rapport, il-benefiċjarji jridu jressqu kopji ta' kull materjal rilevanti ta' marketing, pubbliċità, jew informazzjoni żviluppat għall-proġett/programm/prattika ffinanzjat. Il-benefiċjarji jintalbu wkoll iressqu evidenza tal-proċess, fosthom dokumentazzjoni viżiva, bloggs, u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarju jrid jipprovdi analiżi dettaljata u ċċertifikata tad-dħul u l-infiq. It-tqassim tad-dħul u l-infiq irid jitħejja skont l-istandards finanzjarji applikabbli u jkun konformi ma' dawn il-linji gwida u r-regolamenti, u jrid jiġi ċċertifikat minn accountant jew awditur bil-warrant.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jitlob lill-benefiċjarju biex iressaq il-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali biex isostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u l-infiq.

Il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Uffiċċju tal-President iżommu d-dritt li jużaw il-materjal tal-proġett imressaq.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f'każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-baġit imressaq.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Il-bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lmenti formali dwar anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura marbuta mal-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 Tressiq ta' lment

L-ilment irid jitressaq fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi notifika tar-riżultat tiegħek. Għandu jsir bil-miktub u jiġi indirizzat lill-Uffiċjal Kap Operattiv tal-Finanzjament u l-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Fl-ilment, għandek tispjega b'mod ċar kif u għaliex tħoss li d-deċiżjoni dwar il-proposta tiegħek kienet influwenzata minn irregolaritajiet li seħħew f'rabta mal-proċeduri stipulati f'dawn ir-Regolamenti, jew abbażi tar-regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Fl-ilment, għandek tressaq dokumentazzjoni u evidenza li ssostni dan.

It-tressiq tal-ilment ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni biex nipproċessaw l-ilment.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jlaqqa' bord magħmul minn membri mill-Uffiċċju tal-President, il-Kunsill Malti għall-Arti, u d-Direttorat, li jirrevedi l-ilment tiegħek. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli dwar l-għajnuna mill-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE

L-iskema tal-għajnuna mill-istat se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis.

Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuna li tingħata lil impriżi f'kull settur, bl-eċċezzjoni ta':

1. għajnuna li tingħata lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura;
2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura, fejn l-ammont ta' għajnuna huwa stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-proċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:
    i. meta l-ammont ta' għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;
5. għajnuna mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri, jiġifieri għajnuna assoċjata direttament ma' kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-

operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti assoċjata mal-attività tal-esportazzjoni;
6. għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi bi preferenza fuq oġġetti u servizzi.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija għal kull impriża waħda ma għandux jaqbeż €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Il-perjodu ta' tliet snin li għandu jitqies għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jiġi vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-regola *de minimis* inkluż dik riċevuta minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni kif deskritti f' Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis* se jiġu rrispettati.

L-applikanti għandhom iressqu formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* li tindika kull għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċivew jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan se jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda skont ir-regola de minimis mhux se taqbeż l-ammont massimu tal-għajnuna de minimis matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

Jekk l-applikant li jintgħażel ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, dan l-applikant jitqies ineliġibbli, u l-applikant li jkun ġie kklasifikat warajh jingħata l-għajnuna minfloku.

Skont ir-Regolament de minimis, ir-rekords rigward l-għajnuna *de minimis* għandhom jinżammu għal għaxar snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna skont l-iskema.

## Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament de minimis, mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema għandha tkun disponibbli għall-pubbliku f'reġistru ċentrali.

Din l-informazzjoni għandha ssir pubblika:
- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għotja;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

## 9.2 Għażla ta' għajnuna mhux mill-Istat

L-applikanti li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu japplikaw għall-iskema. Applikazzjonijiet għal proġetti proposti mhux relatati ma' attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE jistgħu wkoll jitressqu għal finanzjament.

Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli deskritti fit-Taqsima 9.1 mhumiex applikabbli.

# Teħtieġ parir?

Aħna nkunu miegħek ma' kull pass li tagħmel!

It-tim tagħna ta' Senserija Kreattiva jista' jgħinek issib l-għajnuna propizja u jagħtik rispons fil-mod kif qed tippjana tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek. Biex tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod, aħseb bil-quddiem u ejja kellimna tal-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza.

Ċemplilna: +356 2334 7230

Ibagħtilna email: fundinfo@artscouncil.mt

L-uffiċċju miftuħ: Mid-09:00 sal-16:00, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (CET)

**Dan id-dokument ġie aġġornat fil--25 ta' Mejju 2026.**